MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 3/2013

**Diana Borg**

**vs**

**Paul Coronato Camilleri**

**Illum l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-attriċi li permezz tiegħu, wara li ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tnax ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin u minn dan iż-żwieġ huma ma kellhomx ulied;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Vella Magro tat-tmienja u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u sitta- kopja annessa u markata bħala dok A;

3. Illi ma hemm ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom u dan minbarra l-fatt li ilhom snin mifruda u llum jgħixu ħajja kompletament u totalment separata minn xulxin.

4. Illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment fil-konfront tal-partijiet u dan għaliex skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni iż-żewġ partijiet kienu rrinunzjaw għall-manteniment.

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tilqa t-taba għall-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet u allura tippronunzja divorzju bejniethom;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jiġi fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-konvenut  nomine li permezz tagħha wieġeb:

1. Illi skont ir-riferta tal-marixxal jidher li l-konvenut jinsab imsiefer;

2. Illi għalhekk jidher li huwa opportun li jinħatar kuratur sabiex jirrappreżenta lill-istess Paul Coronato Camilleri f'dawn il-proċeduri.

Għaldaqstant l-esponenti qed titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taħtar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interess ta' Paul Coronato Camilleri u dan preavja kull direttiva li din l-Oorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attriċi qed titlob li jiġi pronunzjat ix-xoljiment taż-żwieġ ċelebrat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Ottubru 1995.[1]

Id-divorzju introdott fil-liġi ta' pajjiżna bl-Att XIV ta' l-2011 jista' jingħata kemm-il darba jiġu sodisfatti r-rekwiżiti elenkati fl-artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili. Ħadd mill-kontendenti ma xehed f'din il-kawża, imma mid-dokumenti esebiti jirriżulta li huma sseparaw konsenswalment b'kuntratt tat-28 ta' Diċembru 2006.[2]

Jidher li l-ewwel kundizzjoni meħtieġa taħt is-sub-inċiż (a) ta' l-artikolu 66B tal-Kap.16 ġiet sodisfatta, billi fid-data li fiha nbdew dawn il-proċeduri, l-partijiet kien ilhom iżjed minn erba' (4) snin separati fl-aħħar ħames snin. Infatti l-partijiet kienu ilhom ta' l-inqas separati formalment mid-data tal-kuntratt, għal dawn l-aħħar 6 snin.

It-tieni rekwiżit taħt is-sub-inċiż (b) ta' l-istess artikolu ġie wkoll sodisfatt, billi wara dawn is-snin ta' separazzjoni, żgur li ma baqa' ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.
It-tielet rekwiżit taħt is-sub-inċiż (ċ) ta' dan l-artikolu jidher li ġie sodisfatt ukoll. Il-partijiet skond il-kuntratt tas-separazzjoni hawn fuq imsemmi, ma kienux tenuti jħallsu xi manteniment lil xulxin.[3] Minn naħa l-oħra lanqas ma hemm xi obbligu ta' manteniment a favur ta' l-ulied, billi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal.

Għalhekk ma jibqa' ebda raġuni għaliex din il-Qorti m'għandhiex tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi a tenur ta' l-artikolu 66C ta' l-istess liġi.

---

[1] Ara kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti, in atti Nutar dottor Maria Vella Magro, anness mar-Rikors a fol.2 - 4 tal-process
[2] Ibid.
[3] Ibid.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tippronunzja d-divorzju bejn il-kontendenti u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ ċelebrat bejniethom fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u ħamsa u disgħin (1995);

2. tordna lir-Reġistatur tagħha sabiex a tenur ta' dak li jipprovdi s-subinċiż (4) ta' l-artikolu 66A tal-Kap.16, tavża fi żmien ħmistax (15) il-jum, lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex b'din id-deċiżjoni tagħha, biex tiġi reġistrata skond il-liġi.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom, fiċ-ċirkostanzi, jiġu ssoportati mill-attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------